

**Dispożittiv**

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *A. Barnett u S. Mogensen għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom u huma kkundannati jbatu l-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 213, 29/06/2015, p. 46.

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tal-5 ta' Frar 2016 – Clausen u Kristoffersen vs Il-Parlament**

(Kawża F-62/15) <sup>(1)</sup>

(Servizz pubbliku — Uffiċjali rtirati — Pensjoni tal-irtirar — Artikolu 64 tar-Regolamenti tal-Persunal — Koeffiċjenti ta' korrezzjoni — Aġġornament annwali tal-koeffiċjenti ta' korrezzjoni — Artikolu 65(2) tar-Regolamenti tal-Persunal — Aġġornament interim — Artikoli 3, 4 u 8 tal-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal — Limitu ta' apprezzabbiltà — Varjazzjoni tal-għoli tal-ħajja — Artikolu 65(4) tar-Regolamenti tal-Persunal — Assenza ta' aġġornament għas-snin 2013 u 2014 deċiża mil-leġiżlatur — Portata — Regolament Nru 1416/2013 — Sovravalutazzjoni tal-koeffiċjent ta' korrezzjoni għad-Danimarka — Tnaqqis tal-koeffiċjent ta' korrezzjoni mill-mekkanizm ta' aġġornament interim — Użu ħażin ta' poter)

(2016/C 106/59)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Svend Leon Clausen (Jyllinge, id-Danimarka) u Niels Kristoffersen (Køge, id-Danimarka) (rappreżentanti: S. Orlandi u T. Martin, avukati)

*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: E. Taneva u L. Deneys, aġenti)

**Suġġett tal-kawża**

Talba għall-annullament tad-deċiżjonijiet li jnaqqsu l-koeffiċjent ta' korrezzjoni applikabbli għall-pensjoni tar-rikorrenti, li jirrisjedu fid-Danimarka, kif tirriżulta mid-dikjarazzjonijiet tal-pensjoni tagħhom tax-xahar ta' Ġunju 2014 u għall-kumpens għad-dannu morali allegatament imġarrab b'riżultat tal-informazzjoni diverġenti u kontradittorja għall-motivazzjoni tad-deċiżjonijiet ikkontestati.

**Dispożittiv**

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *S.L. Clausen u N. Kristoffersen għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom u huma kkundannati jbatu l-ispejjeż sostnuti mill-Parlament Ewropew.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 213, 29.6.2015, p. 49.